

Brussell, 15 ta' April 2020
(OR. en)

7347/20

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0121(COD)
2017/0123(COD)
2017/0122(COD)

TRANS 156
SOC 210
EMPL 164
MI 114
COMPET 153
CODEC 283

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 15 ta' April 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2020) 151 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur, ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, id-durata minima tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-lokalizzazzjoni permezz ta' takografi u ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 151 final.

Mehmuż: COM(2020) 151 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2020
COM(2020) 151 final

2017/0123 (COD)

NOTE

This Communication refers to the three Legislative Proposals COM(2017) 281 with interinstitutional reference 2017/0123(COD), COM(2017) 278 with interinstitutional reference 2017/0121(COD) and COM(2017) 277 with interinstitutional reference 2017/122(COD).

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur, ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, id-durata minima tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-lokalizzazzjoni permezz ta' takografi u ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur, ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, id-durata minima tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-lokalizzazzjoni permezz ta' takografi u ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Fil-31 ta' Mejju 2017, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà ("Ewropa Attiva"), il-Kummissjoni adottat pakkett komprensiv ta' tliet proposti leġiżlattivi li jkopru l-aspetti soċjali u tas-suq intern tat-trasport bit-triq fl-UE.

It-tliet proposti legiżlattivi inkwistjoni huma:

- (1) Proposta biex jiġu emendati r-Regolament 1071/2009 dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u r-Regolament 1072/2009 dwar l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq;
- (2) Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament 561/2006 fir-rigward tar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ fit-trasport bit-triq u r-Regolament 165/2014 fir-rigward tat-takografu;
- (3) Proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet minimi għall-kontroll tal-konformità mar-regoli tal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ u biex jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għas-settur għall-istazzjonar tax-xufiera (*lex specialis* għad-Direttiva 96/71/KE rigward ix-xufiera stazzjonati u għad-Direttiva 2014/67/UE dwar l-infurzar tagħha).

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(id-dokumenti COM(2017)281 final – 2017/0123 (COD),
COM(2017)278 final – 2017/0121 (COD) u COM(2017)277 final –
2017/0122 (COD)

01/06/2017

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

18/01/2018

Data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni:	01/02/2018
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	04/04/2019
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	07/04/2020

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-objettivi ġenerali tal-proposti tal-Kummissjoni huma li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali għall-ħaddiema tat-trasport bit-triq, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet aktar ekwi ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi.

L-objettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu riveduti r-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni u għas-suq huma l-kjarifika u s-simplifikazzjoni ta' dawk ir-regoli u li jiġu miġġielda l-kumpaniji fittizji, filwaqt li b'mod ġenerali jinżamm il-livell attwali tal-ftuħ tas-suq.

Il-proposta biex jiġu riveduti r-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ u t-takografi hija maħsuba biex tiċċara ċerti dispożizzjonijiet u tadatta xi regoli għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-settur u biex iżżid l-infurzar intelliġenti tar-regoli soċjali fit-trasport bit-triq.

Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta d-direttiva dwar l-infurzar u biex jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-istazzjonar fit-trasport bit-triq, l-objettivi huma li tiġi żgurata applikazzjoni proporzjonata u adatta għall-iskop tar-regoli dwar l-istazzjonar u li jittejjeb l-infurzar u li l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri tkun aktar strutturata u effiċjenti.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni fl-ewwel qari adottata mill-Kunsill fis-7 ta' April 2020 tappoġġa l-objettivi ewlenin tal-proposti tal-Kummissjoni biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali għall-ħaddiema tat-trasport bit-triq, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet aktar ekwi ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi.

Għal diversi raġunijiet, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija pass sinifikanti 'l quddiem meta mqabbel mar-regoli soċjali u tas-suq intern għat-trasport bit-triq attwali tal-UE:

- Organizzazzjoni tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa

Il-Kummissjoni pproponiet li r-rekwiżiti ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jiġu adattati għall-prattika attwali fis-settur, billi tippermetti aktar flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, sabiex ix-xufiera jkunu jistgħu jieħdu żewġ perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ konsekuttivi fil-ġimgħa f'perjodu ta' erba' ġimgħat. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li tillimita din il-possibbiltà għal xufiera involuti fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija, u soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri li ż-żewġ perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ konsekuttivi jridu jittieħdu barra l-Istat Membru ta' stabbiliment, il-perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ konsekuttivi għandhom jiġu kkompensati qabel il-perjodu ta' mistrieħ regolari li jkun imiss u x-xufier għandu jmur "lura d-dar" kull 3 ġimgħat. Dawn il-kundizzjonijiet huma konformi mal-objettiv tal-Kummissjoni li tipprovdi aktar flessibbiltà għat-trasport tal-merkanzija fuq distanzi twal, filwaqt li tiżgura li x-xufiera jmorru lura d-dar b'mod regolari għal perjodu twil ta' mistrieħ. Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli tistudja l-

organizzazzjoni ta' perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ biex tivvaluta jekk humiex meħtieġa regoli speċifiċi.

- *Ritorn regolari tax-xufier*

Il-Kummissjoni pproponiet li jiġi introdott obbligu għall-impriżi tat-trasport biex jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jmorru lura d-dar għal perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa mill-inqas darba kull tliet ġimgħat konsekuttivi. Dan ġie maħsub biex jipprevjeni sitwazzjoni fejn ix-xufiera jaħdmu barra minn pajjiżhom għal perjodi twal, mingħajr il-possibbiltà li jmorru lura d-dar għand il-familji tagħhom. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni. Din tispjega li x-xufiera għandhom imorru lura lejn iċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur fejn ix-xufiera jkun bbażati normalment jew lejn il-postijiet ta' residenza tagħhom f'kull perjodu ta' erba' ġimgħat konsekuttivi. Premessa tiċċara li "ix-xufiera huma liberi li jagħżlu fejn iqattgħu l-perjodu ta' mistrieħ tagħhom". L-intervall jitnaqqas għal tliet ġimgħat f'każ li x-xufier ikun hażewg' perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ konsekuttivi fil-ġimgħa. Il-pożizzjoni tal-Kunsill ma tasalx sal-punt fejn tasal il-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pożizzjoni tal-Kunsill hija ispirata mill-istess objettiv, b'mod partikolari għax-xufiera internazzjonali, li normalment jieħdu żewġ' perjodi mnaqqsa ta' mistrieħ konsekuttivi fil-ġimgħa u mbağħad jerġgħu lura d-dar fi tmiem it-tielet ġimgħa.

- *Projazzjoni tat-teħid regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa fil-kabina tal-vettura u żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri*

Il-Kummissjoni pproponiet li tiċċara, f'konformità mal-ġurisprudenza, li x-xufiera ma għandhomx ikunu jistgħu jieħdu l-mistrieħ regolari tagħhom ta' kull ġimgħa fil-vettura u li l-impjegatur huwa obligat li jipprovdi lix-xufier b'akkomodazzjoni adattata mgħammra b'faċilitajiet tal-irqad u tal-iġjene xierqa, jekk ix-xufiera ma jkunux jistgħu jieħdu dawn il-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa f'post privat tal-għażla tagħhom. Dan kien maħsub biex itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u jiżgura li jkollhom kundizzjonijiet tajba biex jistrieħu. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-proposta tal-Kummissjoni, billi tipprojbixxi l-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa fil-vettura. Il-Kunsill imur lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni, billi jagħti mandat lill-Kummissjoni biex toħroġ b'dispożizzjonijiet dettaljati dwar żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, jiġifieri l-livell ta' servizz u l-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni ta' dawn iż-żoni ta' parkeġġ. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissodisfa bis-sħiħ l-objettiv tal-Kummissjoni li tiggarrantixxi kundizzjonijiet xierqa ta' mistrieħ għax-xufiera u hija saħansitra aktar ambizzjuża f'dan ir-rigward.

- *L-applikazzjoni ta' regoli tal-istazzjonar għat-trasport bit-triq*

Il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi kriterji speċifiċi għall-applikazzjoni ta' regoli dwar l-istazzjonar għat-trasport bit-triq, li jkunu n-natura mobbli ħafna tas-settur u li jiggarrantixxu pagament ġust għax-xufiera li jaħdmu barra minn pajjiżhom għal ammont sinifikanti ta' żmien. Il-Kummissjoni pproponiet li operazzjonijiet internazzjonali tat-trasport jiġu eżentati mir-regoli dwar l-istazzjonar dwar il-paga minima u l-livell minimu jekk dawn l-operazzjonijiet jinvolvu perjodu ta' stazzjonar ta' mhux aktar minn 3 ijiem f'kull xahar kalendarju, filwaqt li ġie propost ukoll li operazzjonijiet ta' kabotaġġ jistgħu jibqgħu soġġetti bis-sħiħ għar-regoli dwar l-istazzjonar. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-prinċipju ta' regoli dwar l-istazzjonar speċifiċi għas-settur għat-trasport bit-triq, filwaqt li tipproponi sistema ġdida bbażata fuq l-operazzjonijiet, bħala alternattiva għas-sistema bbażata fuq il-ħin proposta mill-Kummissjoni. L-operazzjonijiet bilaterali li jinvolvu l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-operaturi huma kompletament eżentati mill-applikazzjoni ta' regoli

dwar l-istazzjonar, filwaqt li l-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier bit-triq minn terzi u l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, li ma jinvolvux l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-operaturi, huma soġġetti bis-sħiħ għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar.

Hemm ukoll eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar għal attivitajiet addizzjonali marbuta ma' operazzjonijiet bilaterali. Għat-trasport tal-merkanzija, ix-xufier jista' jwettaq attività waħda ta' tagħbija u/jew ta' ħatt fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi li x-xufier jgħaddi minnhom, sakemm ix-xufier ma jgħabbix merkanzija u jhottha fl-istess Stat Membru. Meta titwettaq operazzjoni ta' trasport bilaterali li tibda mill-Istat Membru ta' stabbiliment li matulha ma tkunx twettqet attività addizzjonali u din tiġi segwita minn operazzjoni ta' trasport bilaterali lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, l-eżenzjoni għal attivitajiet addizzjonali tiġi estiża għal massimu ta' żewġ attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt.

Għat-trasport tal-passiġġieri, fil-kuntest ta' operazzjonijiet bilaterali, ix-xufier jista' jtella' passiġġieri darba u/jew iniżżel passiġġieri darba fi Stati Membri jew pajjiżi terzi li x-xufier jgħaddi minnhom, sakemm ix-xufier ma joffrix servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bejn żewġ postijiet fl-Istat Membru li jkun għadda minnu. Dan japplika wkoll għall-vjaġġ tar-ritorn.

L-eżenzjonijiet mir-regoli dwar l-istazzjonar għal attivitajiet addizzjonali marbuta ma' operazzjonijiet bilaterali se japplikaw mid-data li minnha x-xufiera se jkunu obbligati jirreġistraw manwalment fit-takografi *d-data* dwar il-qsim tal-fruntieri. Dawn ma jibqgħux japplikaw mid-data li minnha jkun meħtieġ li fil-vetturi jiġu installati takografi intelliġenti li jikkonformaw mar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni tal-qsim tal-fruntieri u attivitajiet addizzjonali.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tiċċara wkoll li, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar, l-impriżi stabbiliti f'pajjiż li mhux Stat Membru tal-UE ma għandhomx jingħataw trattament aktar favorevoli minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru, inkluż meta jwettqu operazzjonijiet ta' trasport bħala parti minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jagħtu aċċess għas-suq tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiċċara l-applikazzjoni tal-kunċett ta' stazzjonament fit-tul li ddaħħal fid-Direttiva riveduta dwar l-istazzjonar (id-Direttiva (UE) 2018/957), għal operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali bit-triq, biex il-perjodi mwettqa fi Stat Membru wieħed ma jiġux akkumulati ma' dawk imwettqa fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Bħall-proposta tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiddependi fuq l-oġġettiv li jiġi żgurat li x-xufiera li huma soġġetti għall-ispejjeż ta' għajxien ta' Stati Membri differenti minn dak fejn jirresjedu jitħallsu skont dawk l-ispejjeż, biex b'hekk ix-xufiera jkunu jistgħu jkollhom livell ta' għajxien xieraq. Il-kjarifiki fil-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-istazzjonar fit-tul u l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar għal pajjiżi terzi huma meħtieġa u milqugħa tajjeb sabiex jiġu eliminati d-dubbi fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll rekwiżiti amministrattivi speċifiċi għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar fit-trasport bit-triq, sabiex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed fuq l-operaturi. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-proposta tal-Kummissjoni u tipprovdi li l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar mill-impriżi tat-trasport bit-triq se jsiru permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI). L-użu tal-IMI se jkompli jnaqqas il-piż amministrattiv, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll

għall-impriżi, u għalhekk se jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà.

- *L-introduzzjoni ta' teknoloġija tat-takografu ġdida*

Il-Kummissjoni ma pproponietx li temenda r-regolament dwar it-takografu. Madankollu, il-Kunsill qies li kien meħtieġ li tiġi introdotta ġenerazzjoni ġdida ta' takografi "intelliġenti" biex ikun possibbli li l-vetturi li jintużaw għal operazzjonijiet ta' trasport transfruntiera jiġu lokalizzati b'mod aktar preċiż, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-infurzar tar-regoli soċjali u tas-suq intern. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tispeċifika skeda ta' żmien għall-użu ta' din it-teknoloġija ġdida f'vetturi ġodda (sentejn mid-data tal-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) u fil-flotta eżistenti (modifika retroattiva tliet snin mid-data tal-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-vetturi kollha mgħammra b'takografu għajr il-verżjoni 1 tat-takografu intelliġenti; modifika retroattiva erba' snin mid-data tal-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-vetturi kollha mgħammra bil-verżjoni 1 tat-takografu intelliġenti). Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija konformi bis-siġħ ma' oġġettiv ewlieni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà, li huwa li jkun hemm infurzar effettiv u effiċjenti tar-regoli l-ġodda soċjali u dwar is-suq intern.

- *Applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni u dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għall-vetturi kummerċjali ħfief*

Sabiex jiġi introdott livell minimu ta' professjonalizzazzjoni tal-operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief u biex b'hekk jiġu approssimati l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi, il-Kummissjoni pproponiet li testendi wħud mir-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għal impriżi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief. Dan ifisser li operaturi ta' dan it-tip ikunu soġġetti għall-kriterji dwar l-istabbiliment stabbli u effettiv u dwar il-kapaċità finanzjarja xierqa. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-inklużjoni ta' operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, filwaqt li tapplika r-regoli kollha għal operaturi bħal dawn. Madankollu, dawn ir-regoli japplikaw biss għall-operaturi li huma involuti fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija f'isem ħaddieħor u li jużaw vetturi b'massa mgħobbija permissibbli ta' aktar minn 2.5 tonnellata. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-Kunsill testendi r-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, kif ukoll dwar it-takografi, għal dawn l-operaturi. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissodisfa l-oġġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni li jiġi introdott livell minimu ta' professjonalizzazzjoni tal-operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn dawn l-operaturi u l-operaturi li jużaw vetturi tqal tal-merkanzija. Il-pożizzjoni tal-Kunsill li, barra minn hekk, tissoġġetta dawn l-operaturi għar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ u dwar it-takografi, hija aċċettabbli, peress li se tkompli żżid is-sikurezza fit-toroq għal dan it-tip ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija f'isem ħaddieħor.

- *Regoli dwar il-kabotaġġ*

Il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi r-regoli dwar il-kabotaġġ, billi tippermetti numru illimitat ta' operazzjonijiet fi żmien ħamest ijiem mill-ħatt tal-merkanzija internazzjonali li tkun dieħla fl-Istat Membru ospitanti. Din ir-regola tissostitwixxi l-limitazzjoni attwali għal tliet operazzjonijiet f'sebat ijiem u kienet maħsuba biex tiffaċilita l-infurzar, filwaqt li b'mod ġenerali żżomm il-livell eżistenti ta' ftuħ tas-suq. Il-pożizzjoni tal-Kunsill iżżomm ir-restrizzjonijiet attwali tal-kabotaġġ (tliet operazzjonijiet f'sebat ijiem), filwaqt li tintroduċi perjodu ta' preklużjoni ta' erbat

ijjem, li matulu l-operaturi ma jistgħux iwettqu aktar operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru. Il-Kunsill ma jsegwix l-approċċ propost mill-Kummissjoni, li kien prinċipalment maħsub biex jiffaċilita l-infurzar. Iż-żamma tal-mudell attwali fir-rigward tal-kabotaġġ hija aktar ta' sfida f'termini ta' infurzar, iżda l-Kummissjoni temmen li permezz tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' takografi "intelliġenti", li hija parti mill-pożizzjoni tal-Kunsill, ikun aktar faċli li jiġu identifikati kemm it-tip ta' operazzjoni mwettqa mit-trasportaturi kif ukoll in-numru rispettiv. Dan għandu jtejjeb l-infurzabbiltà tar-regoli dwar il-kabotaġġ meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-idea ta' perjodu ta' preklużjoni biex tindirizza l-kwistjoni ta' "kabotaġġ sistematiku", jiġifieri fejn l-operaturi jirrepetu diversi perjodi konsekuttivi ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru, billi joħorġu minn dak l-Istat Membru u jerġgħu jidħlu fih, li jikkostitwixxi ksur tal-limiti imposti mir-Regolament (UE) Nru 1072/2009, miżmuma fit-test ta' emenda.

- *Kriterji ta' stabbiliment relatati max-xufiera (Ruma I)*

Il-Kummissjoni ma pproponiet l-ebda rekwiżiti ġodda dwar ir-reklutaġġ ta' ħaddiema b'rabta mal-kriterju ta' stabbiliment stabbli u effettiv għall-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkludi kriterju ġdid ta' stabbiliment li jirrikjedi li l-operaturi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, fuq bażi kontinwa, xufiera li normalment ikunu bbażati f'ċentru operazzjonali fl-Istat Membru ta' stabbiliment, b'mod proporzjonat għall-volum ta' operazzjonijiet ta' trasport. Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija maħsuba biex tikkontribwixxi għal persunal suffiċjenti ta' dak li suppost għandu jkun stabbiliment stabbli u effettiv. Tħalli biżżejjed marġni sabiex ma tirrestrinġix, b'mod mhux debitu, il-libertà tal-operaturi meta jimpjegaw il-persunal.

- *Skadenzi għall-implimentazzjoni / dati ta' applikazzjoni*

Il-Kummissjoni ma pproponietx dati speċifiċi għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tiddetermina li r-regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u 1072/2009 se jkun applikabbli 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, fl-intier tiegħu, u r-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja Komunitarja skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 se japplikaw biss għall-operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief ta' aktar minn 2.5 tunnellata li jkunu involuti fit-trasport internazzjonali 21 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament emendatorju. Id-Direttiva riveduta dwar l-infurzar (id-Direttiva 2006/22/KE) u l-*lex specialis* dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema se jkollhom data ta' traspożizzjoni tal-miżuri nazzjonali mill-Istati Membri ta' 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att. Billi r-Regolamenti riveduti (KE) Nru 561/2006 u 165/2014 se jkunu applikabbli mill-ħin li jiddaħħlu fis-seħħ, dawn jinkludu dispożizzjonijiet tranżitorji għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tat-takografu intelliġenti (ara hawn fuq) u mal-applikazzjoni tar-regoli għal vetturi kummerċjali ħfief (mill-1 ta' Lulju 2026). L-Istati Membri, l-operaturi u l-Kummissjoni se jeħtieġu żmien sinifikanti biex jadattaw ruħhom għar-regoli l-ġodda. B'mod partikolari, l-iżvilupp ulterjuri tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar, ir-rekwiżiti l-ġodda ta' taħriġ u ta' eżami għall-operaturi li jużaw vetturi kummerċjali ħfief u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-teknoloġiji l-ġodda tat-takografu jeħtieġu biżżejjed ħin għall-implimentazzjoni. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli f'dan ir-rigward.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha riżervi fir-rigward ta' żewġ miżuri inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill, jiġifieri l-obbligu għar-ritorn regolari tat-trakkijiet lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-operaturi u l-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet tal-kabotaġġ għall-partijiet nazzjonali tal-vjaġġ ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ħarġet id-dikjarazzjoni li ġejja rigward il-qbil politiku li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2019:

“Il-Kummissjoni tinnota l-ftehim proviżorju dwar l-aspetti soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I mil-huq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew waqt ir-raba' trilogu li sar fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2019.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-qbil politiku li ntlaħaq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew jinkludi elementi li mhumiex konformi mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-approvazzjoni tal-Kunsill Ewropew għall-objettiv li l-UE tilħaq stat ta' newtralità klimatika sal-2050. Dawn huma r-ritorn obbligatorju tal-vettura lill-Istat Membru ta' stabbiliment kull tmien ġimgħat u r-restrizzjonijiet imposti fuq l-operazzjonijiet tat-trasport

ikkombinat. Dawn il-miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni adottati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt. L-obbligu tar-ritorn tat-trakk se jwassal għal ineffiċjenzi fis-sistema tat-trasport u għal żieda ta' emissjonijiet, tniġġis u konġestjoni bla bżonn, filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq it-trasport ikkombinat inaqqsu l-effikaċja tiegħu biex jappoġġa l-operazzjonijiet tat-trasport multimodali tal-merkanzija.

It-titjib soċjali f'din il-proposta huwa sinifikanti. Il-Kummissjoni issa se tivvaluta mill-qrib l-impatt ta' dawn iż-żewġ aspetti fuq il-klima, l-ambjent u l-funzjonament tas-suq uniku. Il-Kummissjoni se tagħmel dan fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku u tal-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-protezzjoni tal-ambjent, filwaqt li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku.

Jekk ikun meħtieġ, wara l-valutazzjoni tal-impatt il-Kummissjoni se teżerċita d-dritt tagħha li tressaq proposta leġislattiva mmirata qabel ma ż-żewġ dispożizzjonijiet jidħlu fis-seħħ.”

Peress li ż-żewġ miżuri inkwistjoni huma parti mill-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tikkonferma l-pożizzjoni meħuda fid-dikjarazzjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li, minkejja xi nuqqasijiet fil-pożizzjoni tal-Kunsill, l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda u aktar ċari kif deskritt hawn fuq se tipprova kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali aħjar, kif ukoll kompetizzjoni ġusta u ċertezza legali akbar fis-settur tat-trasport bit-triq. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda se jikkostitwixxu wkoll bażi solida għall-infurzar futur tar-regoli tat-trasport bit-triq.

Fi spirtu ta' kompromess, il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill biex b'hekk il-Parlament Ewropew ikun jista' jadotta t-test finali waqt it-tieni qari. Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li l-adozzjoni tal-proposti soċjali u tas-suq se ġġib magħha benefiċċji sostanzjali għas-settur tat-trasport bit-triq. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm ir-riżervi tagħha rigward tnejn mill-miżuri inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill.